**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Għarb**

**Laqgħa Nru. 56**

**Data:** **21 ta' Lulju 2023**

**Ħin:** **09.00am**

**Post:** **Uffiċċju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Għarb**

---

**Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Viċi Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Eżekuttiv* |

---

**AGENDA**

56.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji;

56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

56.5 Korrispondenza u Rapporti;

56.6 Neighborhood Watch;

56.7 Jum l-Għarb;

56.8 Attivitajiet;

56.9 Progetti u xogholijiet

56.10 Skeda ta’ Pagamenti;

56.11 Materji ohra;

56. 12 Tmiem tal-laqgha.

---

**56.1 Qari tal-ittri ta’ Apologiji**

56.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologiji.

**56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**56.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.3.1 Uzu t-telephone boxes li jinsabu madwar il-lokalita’ ghandhom jinbidlu f’kiosks interattivi b’informazzjoni interessanti dwar progett AMPPA u ohrajn. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li ssir talba sabiex il-fondi allokati fil-progett Amppa jintalbu biex jintuzaw ghal dan l-iskop. Il-Kunsill qabel ma’ dan il-progett u li ghandu jsir ix-xoghol relatat mehtieg biex tinhareg l-offerta / kwotazzjonijiet mehtiega.

56.3.2 Is-Sindku ressaq ghad-diskussjoni il-bzonn li s-sigar li jinsabu fi Triq Tumas Cassar l-Gharb ghandhom problema ghax qed johonqu lil xulxin u hemm bosta minnhom qed imutu. Huwa qal li dawn is-sigar mhumiex protetti u ghaldaqstant jistghu jinzabru b’attenzjoni misthoqa. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar din il-materja u qabel li ghandhom jinzabru u jinzammu zghar.

56.3.3 Gie spjegat li l-kuntrattur li jbattal il-magna tal-flixken tal-plastik talab sabiex isir sinjal ta’ Loading u Unloading quddiem il-Bring-in-sites biex vetturi ma jithallewx ipparkjati hemmhekk sakemm ma jkunux residenti li qeghdin ibattlu l-iskart taghhom. Il-Kunsill qabel ma’ din it-talba u ghalhekk ghandu jsir is-sinjal mitlub.

56.3.4 Gie spjegat li saret proposta sabiex jitpoggew sitt charging points ghall-vetturi elettrici li kienu jinkludu fejn il-Kunsill Lokali, fejn il-Villagg tas-Snajja ta’ Dbiegi, fil-parking tal-knisja ta’ Pinu, wara l-knisja, ma genb il-knisja, fil-parking ta’ Pjazza San Pietru u iehor fi Triq Tumas Cassar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u fir-rigward tal-Knisja ta’ Pinu din hija propjeta’ tas-Santwarju u ghaldaqstant ghandu jintalab permess lilhom, dik ta’ Ta’ Dbiegi ghandu jintalab permess lil Malta Enterprise peress li l-parkegg huwa taghhom, Ta’ wara l-Knisja ghandha ssir fi Triq il-Madonna tal-Virtu’ u ta’ Ma’ genb il-Knisja ghandha titpogga fi Triq Dun Alwig Mizzi. Il-Kunsill qabel ukoll li ta’ fejn il-Kunsill tista’ ssir kif ukoll din ta’ Triq Tumas Cassar fejn gie propost.

56.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill jehtieg li jkollu skrivan fi Skala 13. Din il-materja giet diskussa u l-Kunsill qabel unanimament li ghandha tinhareg din is-sejha.

## 56.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.4.1 Gew trattati mistoqsijiet minghand il-Kunsillier Joseph Mizzi:

Mistoqsija 1. Nistaqsi jekk hux possibli li jisru linji bojod fi Triq Felic Grech, fil-kantuniera fejn residenza tal-familja Bajada u l-istess fejn ir-residenza tal-familja Portelli, kantuniera ma' Triq Dun Alwig Mizzi. Dan sabiex jaghti direzzjoni ahjar lit-traffiku u jifred karriggjata minn ohra.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandhom isiru dawn is-sinjali.

Mistoqsija 2. Qed inressaq talba biex isiru kaxxi bojod tal-parking fi Triq Sdieri u Sqaq Papa Klement, sabiex jidhlu l-massimu li jistghu jipparkjaw u ma jkunx hemm spazju mohli bejn karozza u ohra, u possibilment, fi Pjazza Gerano ssir nota/tabella biex min jipparkja, ma jhallix l-exhaust lejn ir-residenzi.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja fejn gie innotat li jekk isiru l-kaxxi l-bojod tal-parking jista' jkun il-kaz li jitnaqqsu l-parkings kif gara fil-fatt fi Pjazza Praga ghar-raguni li dawn iridu jkunu standard size. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir it-tabella tal-exhaust pero' ma qabilx li ghandhom jsiru l-kaxxi tal-parking.

Mistoqsija 3. Inressaq ilment ta' anzjana li talbet li jinqata haxix minn fuq bankina fi Triq il-knisja, ghaliex mhux possibli li timxi u qed jostakola l-bankina, b'konsegwenza li ntlaqtet minn mera ta' karozza waqt li kienet miexja.

Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lill-haddiem responsabbli biex jirringa din il-pjanta. Fuq din il-materja Tonio Mifsud gibed l-attenzjoni li quddiem residenza fi Triq ta' Sdieri ukoll hemm pjanti imwahhla fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mas-sid dwar dan.

Mistoqsija 4. Qed ikun hawn sitwazzjoni fejn qed jintremew boroz suwed tal-iskart f'ghalqa fi Sqaq il-Fgura. Din grat tliet darbiet. Tajjeb li din tigi investigata u jinqabad min qed jitfa' dawn il-boroz.

Is-Sindku qal li hemm problema fl-iskart u huwa diga ddiskuta' mall-kuntrattur fejn dan ikkonferma li hemm zewg persuni li jinzlu ghall-iskart fejn persuna minnhom tinzel min-naha ta' Pinu u l-ohra min-naha ta' Triq il-Knisja. Huwa qal li din il-problema qed tigri f'diversi zoni peress li l-kuntrattur ghandu probelma ta' haddiema u fil-fatt din il-problema giet diskussa ukoll fil-kunsill regjonali. Miriam Borg qalet li jekk hemm problema fl-isqaqien ghandu jidhol truck zghir. Is-Sindku zied jghid li din il-problema u ohrajn dwar il-gbir tal-iskart qed tippersisti.

## 56.5 Korrispondenza u Rapporti

56.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp numru PA/04272/23, PA/04220/23, PA/04244/23, PA/03857/23, PA/04196/23, PA/04146/23, PA/04020/23, PA/04105/23, PA/03857/23, PA/03778/23, PA/03701/23, PA/03461/23, PA/02511/23, PA/03100/23, PA/02992/23, PA/02908/23, PA/10204/19, PA/00649/23, PA/02664/23,

PA/02844/23. PA/02445/23, PA/02523/23, PA/01906/23, PA/02184/23, PA/02084/23, PA/01838/23 u PA/01882/23.

**56.6 Neighborhood Watch**

56.6.1 Is-Sindku qal li waqt laqgha li kellu mall-Community Police gie issugerit li jsir in-neighbourhood watch. Huwa qal li dan il-progett pilota diga sar gewwa Kunsilli ohra f'Malta u kien ta' success. Is-Sindku zied jghid li l-pulizija kienu ser jghaddu sample ta' ittra sabiex titqassam fid-djar u dawk interessati jinghaqdu f'dan il-grupp. L-ittra ser tkun ghadattata ghal-lokalita' taghna. Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-materja u qabel li ghandu jiehu sehem f'dan il-progett.

**56.7 Jum l-Gharb**

567.1 Is-Sindku qal li llum mhux ser jigu diskussi n-nomini imma dawn ser jigu diskussi f'laqgha ohra. Bhala program huwa ssugerixxa li jsir il-Hadd 3 ta' Settembru filghodu b'program li jinkludi marc mill-banda, quddiesa, tqeghid tal-fjuri u wara niddiskutu x'program jista' jsir. Gie issugerit ukoll li l-Kunsill jaghmel sejha ghal min jixtieq jiehu sehem b'xi talent bhal kant u daqq ta' strumenti kif ukoll qari ta' poezija ghal dawk li jixtiequ jikbtu xi poezija ghal Jum l-Gharb. Tkompliet id-diskussjoni fejn sar qbil li l-Arcipriet ghandu jintalab jekk jixtiequx itellghu xi haga bit-tfal tas-summer club. Is-Sindku qal li kif kien miftihem il-kumitat kellu bzonn l-ghajnuna biex jiffinanzja il-hrug tal-prucissjoni. Il-Kunsill qabel li jkompli jesplora x'program jista' jitella' u jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**56.8 Attivitajiet**

56.8.1 Bhala attivitajiet hemm Jum l-Gharb kif kien ghadu kemm qed jigi diskuss.

56.8.2 Is-Sindku ssugerixxa sabiex ghall-gimgha ta' Santa Marija ssir attivita' gewwa l-Astronomy Park fejn jintuza ukoll l-equipment u jigu mistiedna zghazagh u tfal u dawk kolha li jixtiequ jattendu jistghu juzaw il-laptop taghhom u jidhlu permezz tal-wifi u jaraw dak li jkun qed juri t-teleskopju. Huwa qal li tkun idejali li wiehed jibbukkja biex jidhol jara bil-laptop tieghu. Il-Kunsill iddiskuta l-program u qabel li din l-attivita' ghandha tigi organizzata u jibda' jintuza l-appart. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li bhalissa qed isir xoghol biex tinhadem spiza sabiex isir software fejn wiehed ikun jista' juza t-teleskopju.

56.8.3 Attivita' ohra li hemm ippjanata hija l-inawgurazzjoni tas-sheltered house, l-App u il-minibus ufficjalment bhala parti mill-progett tal-accessibilita'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li din ghandha ssir fl-20 ta' Settembru, 2023 jew fil-qrib ta' din id-data.

56.8.4 Is-Sindku qal li qed issir tentattiv ghal herbs festival pero' hemm problema biex tinstab data peress li l-kalendarju huwa mimli.

56.8.5 Fir-rigward tal-opra, s-Sindku qal li din is-sena l-fondi huwa limitati. Huwa spjega li l-probabilita' hija li ssir interpretazzjoni ta' opra jew siltiet minn opera akkompanjati minn orchestra zghira u ma ssirx it-tinda.

**56.9 Progetti u xogholijiet**

56.9.1 Is-Sindku spjega li fi Triq l-Isqof M. Molina kienet inqalet problema b'drenagg ta' residenza. Fil-prezent qeghda isir verifika tal-problema fejn jidher li hemm xi gebel gol-pipijiet. Din il-problema ser tigi evelwata mill-kuntrattur.

56.9.2 Is-Sindku qal ukoll li l-gimgha d-diehla ser tigi diskussa Triq Tumas Cassar mall-kuntrattur kif ukoll it-trinka li trid issir minhabba l-progett tal-pannelli.

56.9.3 Fir-rigward tal-progett tal-pannelli, l-offerti gew miftuha u r-rapport ta' evalwazzjoni kien jghid li z-zewg offerti ma kienux teknikament elegibbli u ghalhekk l-offerta' ghandha tigi kkancellata. Il-Kunsill qabel mar-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni u ghandha tohrog offerta' b'mod accellerat.

56.9.4 Is-Sindku qal li ghadha qed tigi diskussa l-konessjoni tal-panelli ssirx mis-sub-station ta' Triq Frangisk Portelli jew issir sub-station ohra fi Triq Felic Grech. Gie innotat li bhala trinka trid tithallas mill-Kunsill pero' sub-station mill-enemalta. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qal li l-ispejjez huma inqas jekk il-konessjoni ssir mas-substation ta' Triq Frangisk Portelli fejn jidher li hemm madwar €30,000. Il-Kunsill qed jesplora l-possibilita' li jsib ghajnuna mill-Ministeru ta' l-Energija f'dan ir-rigward.

56.9.5 Sar suggeriment sabiex isir major patching fi Triq l-Gharb fiz-zona fejn in-nicca. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba biex dan isir.

56.9.6 Il-Kunsill iddiskuta ukoll il-progett AMPPA fejn qabel li jekk jibqa' l-possibilita' li jintuza fondi minn *savings* li kien ghad baqa' fil-progett ghandha tinhareg offerta' b'mod accellerat.

**56.10 Skeda ta' Pagamenti**

56.10.1 L-Iskeda tal-Pagamenti gie approvata mill-Kunsill.

**56.11 Materji ohra**

56.11.1 Ma kienx hemm materji ohra.

**56. 12 Tmiem tal-laqgha**

56.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 24 ta' Awwissu 2023 at 9.00am.

56.12.2 Il-laqgha spiccat fil- 10.10am

Konfermati minn

IFFIRMATA

David Apap Agius
Sindku

IFFIRMATA

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv